MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Rikors Numru. 123/1999/1

***Grezzju Spagnol, Anhony Spagnol, Giuseppe Caruana, Mary Azzopardi u Caterina Caruana***

***versus***

***Carmelo u Francesca Saverja konjugi Farrugia***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Li huma jikru l-fond numru 50, Triq il-Bizzilla (gia Sqaq fi Triq Santa Marija) Ghaxaq lill-intimati bil-kera ta’ Lm18 kull sitt xhur, prossima skadenza 1 ta’ April 2000;

Li ricentement saru jafu li l-intimati ressqu l-hajt divisorji li kien hemm bejn il-fond imsemmi u l-propjeta’ adjacenti (li hija tal-intimati u posseduta minnhom) b’mod li okkupaw parti mill-istess fond propjeta’ tal-atturi u ghalqu l-bibien li

kienu jifirdu l-propjetajiet tal-partijiet; ghalhekk ikkawzaw hsara kbira fil-fond imsemmi;

Ghaldaqstant bir-rispett jitolbu li dan il-Bord joghgbhu jawtorizzahom jirriprendu l-fond imsemmi fiz-zmien li joghgbu jiffissa l-istess Bord.

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti qatt ma messew hitan divisorji bejn il-propjeta' taghhom u l-propjeta' tar-rikorrenti mikrija lill-istess esponenti.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost kwalunkwe kambjamenti u/jew alterazzjonijiet fil-hitan divizorji nkwistjoni saru minn missier ir-rikorrenti Carmelo Spagnol in segwitu ghall-divizjoni tal-propjeta' bejn l-istess Carmelo Spagnol u l-intimata Francesca Saveria mart Carmelo u dana wara l-mewt ta' missierhom Giuseppi Spagnol hafna u hafna snin ilu, salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi ghar-ragunijiet premessi l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Ra d-digriet tieghu tas-6 ta' Gunju, 2000 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-atti tac-citazzjoni numru 2216/99.

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukati.

Ra l-verbal.

Ikkunsidra,

1. Il-partijiet f'din il-kawza jigu minn xulxin. Carmelo Spagnol illum mejjet jigi hu l-intimata. Ir-rikorrenti huma ulied Carmelo Spagnol bin Giuseppi Spagnol. Dan ta' l-ahhar miet fid-29 ta' April, 1949.

2. Skond l-intimat Carmelo Farrugia

"Wara li mietu l-genituri tal-mara (l-intimata Francesca Salvina Farrugia) l-mara xtrat sehem ohtha Salvina filwaqt li huha Carmelo Spagnol xtara sehem hutu l-ohra…..Wara li nxtraw dawn l-ishma l-mara tieghi u huha Carmelo Spagnol ghamlu att ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Robert Girard datat 27 ta' Frar 1955. Id-divizjoni kienet principalment tikkonsisti bil-qosma tad-dar f'zewg porzjonijiet u cioe' lil mara tieghi messa dik il-parti tad-dar, illum il-fond adjacenti ghall-fond 50, Triq il-Bizzilla, Ghaxaq u bil-kumplament tad-dar tmiss lil Carmelo Spagnol, illum din il-parti tad-dar tinsab ukoll mikrija lili u l-mara mill-istess Carmelo Spagnol. Xi xahar wara li sar l-att ta' divizjoni Carmelo Spagnol kien qabad jwaqqa xi kmamar li kien hemm fuq wara u ta bidu ghad-divizjoni……Dak iz-zmien sar il-hajt divizorju u regghu nbnew xi kmamar. Sussegwentement Carmelo Spagnol qabbad lill-Perit Paul Mercieca sabiex jiehu hsieb ix-xogholijiet kif ukoll il-permessi necessarji. Il-perit Mercieca kien qabbdu Carmelo Spagnol ghaliex jiena qatt ma kont hallastu jew intlabt nhallas xi haga ghall-inkarigu tieghu. Ix-xogholijiet in kwisjtoni kien ghamilhom Spagnol bin-nies li qabbad hu stess".

3. Ir-rikorrenti jsostnu li ccaqlaq il-hajt divizorju bejn il-fond proprjeta' taghhom u l-fond li hu ta' l-intimati. Dan l-ilment ma jikkostitwiex dik li tissejjah "hsara kbira". Ir-rikorrenti qed jallegaw uzurpazzjoni tal-jeddijiet taghhom. "Din il-millantazzjoni ma tikkostitwiex taht l-artikolu 10 (illum 9) tal-Kapitolu 109 (illum 69) ipotesi li tiggustifika talba tas-sid ghar-ripreza tal-fond" (*ara App. Civ. 'Azzopardi et vs*

*Agius', 17/11/72 u sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera 'Grech noe vs Falzon et', 26/9/00*). Il-Bord ra l-att tac-citazzjoni numru 2216/99 quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (li rreferew ghaliha l-partijiet u minnha ressqu kopji ta' xhieda) fejn qed jinghad li l-bdil hemm imsemmi "sar bi vjolazzjoni ghad-dritt ta' proprjeta". Il-Bord ma ghandu l-ebda kompetenza li jidhol fi kwistjonijiet bhal dawn.

4. Dwar gheluq ta' bibien ma ingiebet l-ebda prova. Ir-rikorrenti pprecizaw fir-rikors dak li qed jilmentaw minnu u l-Bord ma jistax jidhol fi kwisjtonijiet ohra.

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------